# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum, l-Erbgha 13 ta' Marzu, 2024**

**Kawża Numru: 10**
**Rikors Guramentat Numru:- 336/2019JVC**

**Karsten Mifsud**
**(K.I. 197196M)**

**vs**

**Carmen Mifsud**
**(K.I. 592362M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti Karsten Mifsud li jaqra kif isegwi:

1) 'Illi b'sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datata l-20 ta' Gunju 2012 fl-ismijiet AB vs CD (Citazzjoni Numru 228/2008) dik il-Qorti iddikkjarat illi

Raymond Mifsud, li kellu l-karta tal-identita bin-numru 791960M huwa l-missier naturali tal-esponenti Karsten Mifsud u konsegwentement ordnat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jissostitwixxi l-kelmiet 'missier mhux maghruf' fl-att tat-twelid. Illi kopja tal-istess certifikat tat-twelid kif korrett qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dok "A";

2) Illi l-imsemmi Raymond Mifsud miet fit-02 ta' April 2010 skont ma jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat dok "B".

3) Illi l-intimata u l-imsemmi Raymond Mifsud kienu zzewgu fil-Knisja Parrokkjali ta' l-Imsida fid-19 ta' Settembru 1986 u b'hekk hija llum-il gurnata l-armla tal-istess Raymond Mifsud.

4) Illi l-eredita' tieghu hija regolata b'testment li sar mill-imsemmi Raymond Mifsud quddiem in-Nutar Naomi Micallef Mugliette datat id-09 ta' April 2008 fejn fih huwa innomina u istitwixxa bhala unika werrieta universali assoluta tieghu lil martu, ossija lill-intimata Carmen Mifsud, u dan kif jirrizulta wkoll mill-kopja tat-testment hawn annessa u mmarkata dok "C".

5) Illi l-intimata ghamlet id-dikjarazzjoni causa mortis nhar id-19 ta' Jannar 2011 quddiem in-Nutar Anthony Abela;

6) Illi a tenur tal-Artikolu 615 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti ghandu a favur tieghu sehem riservat fuq il-beni tal-mejjet Raymond Mifsud.

7) Illi l-esponenti interpella lill-intimata diversi drabi, anke permezz tal-ittra ufficjali datata t-23 ta' Gunju 2014 (Ittra Nru. 1928/2014) u dik datata l-24 ta' Novembru 2018 (Ittra Nru. 3346/2018), debitament notifikati, sabiex taghti rendikont shih u dettaljat tal-attiv u l-passiv tal-eredita' tad-decuius fid-data tal-mewt tieghu u, in kwantu ghall-attiv, rendikont shih bil-valutazzjonijiet reali relattivi tal-assi mobbli u immobbli kollha formanti parti mill-istess eredita', u dan sabiex il-kreditu dovut lill-mittenti in linea ta' sehem rizervat lilu jkun jista' jigi kwantifikat skond il-ligi u debitament imhallas lilu, flimkien mal-imghaxijiet- skond il-Ligi.

8) Illi minkejja li l-intimata giet debitament interpellata, hija baqghet inadempjenti u passiva u m'ghamlet ebda pass sabiex tottempora ruhha ma dak mitlub u mal-obbligi legali taghha.

9) Illi di piu, minkejja l-proceduri sopra msemmija (fl-ismijiet AB vs CD (Citazzjoni Numru 228/2008) gew istitwiti fis-26 ta' Mejju 2008 u l-istess Raymond Mifsud irrisponda ghalihom, huwa ttermina l-Komunjoni tal-Akkwisti u ttrasferixxa hafna mill-propjeta tieghu lil martu Carmen Mifsud, liema transazzjoni saret b'att pubbliku datat it-12 ta' Frar 2020, bilghan li jiddissipa mill-assi tieghu, u konsegwentement mill-assi ereditarji tal-istess.

10) Illi dawn il-fatti huma kollha a konoxxenza tal-esponenti;

Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex, prevja kull dikkjarazzjoni necessarju u moghti kull provediment opportun:-

1. Tistabilixxi u tillikwida, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi, l-assi ereditarji u appartenenti lid-decuius Raymond Mifsud, billi jigi ddikjarat li jikkonsisti f'dawk il-beni u sostanzi li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Tillikwida, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi, il-kreditu spettanti lill-esponenti in linea tas-sehem lilu rizervat mill-Ligi, mill-assi ereditarju tad-decuius Raymond Mifsud;

3. Tikkundanna lill-intimata thallas lill-esponenti s-sehem rizervat hekk likwidat konsegwentement ghall-ewwel talba, anke billi jigu assenjati lilu tant beni li jikkorrispondu ghas-sehem rizervat hekk likwidat;

4. Tinnomina, jekk ikun il-kaz, Nutar Pubbliku sabiex jircievi u jippublika l-att opportun fil-jum, hin u post stabbilit mill-Qorti, u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata t-23 ta' Gunju 2014 (Ittra Nru. 1928/2014) u dik datata l-24 ta' Novembru 2018 (Ittra Nru. 3346/2018) u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ftuh tas-successjoni tad-decuius Raymond Mifsud, kontra l-intimata li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Carmen Mifsud li taqra kif isegwi:

1. 'Illi primarjament, l-esponenti tikkonferma l-premessi enumerati minn numru wiehed (1) sa numru hamsa (5) kif elenkati fir-rikors promotur tal-attur fil-kawza sucitata;

2. Illi pero' l-esponenti esplicitament qed tirribatti l-premessi segwenti l-ohra kif allegati fl-istess talba mressqa mill-attur, u dan kif ser jkun ippruvat waqt il-mori tal-kawza;

3. Illi l-attur evidentement, mhux konxju tar-ragunijiet vera, jew ossia qed jipprova jqarraq meta u billi jippremetti fatti foloz u inveritieri ghal liema raguni sar l-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni inter vivos, indikat fid-disa premessa fl-att promotur, u cjoe kuntratt datat 12 ta' Frar 2010 redatt minn Nutar Pubbliku Dr. Tony Abela;

4. Illi, l-esponenti, konvenuta kellha kreditu fuq fond gewwa l-Msida qabel ma inbniet il-fond gewwa l-Imtarfa, liema post residenzjali fl-Msida kien principalment akkreditat liha esklussivament minn qraba taghha u b'hekk parafernali, u dan kif ser jkun wkoll ippruvat waqt il-mori tal-kawza;

5. Illi dan l-imsemmi kreditu addebit esklussivament ghal-esponenti konvenuta jirrizulta minn kuntratt t'akkwist datat 22 ta' Gunju 1981, liema kopja vera ser tkun esebita sussegwentement waqt il-mori tal-kawza;

6. Illi jsegwi illi l-premessa fejn l-attur allega illi l-esponenti kienet diversi drabi interpellata sabiex "*tottempra ruha ma dak miktub u mal-obligi legali taghha'*, hija totalment fiergha u bla bazi skond il-ligi;

7. Illi, minghajr pregudizzju, l-attur qatt ma kien innegat lilu s-sehem rizervat spettanti lilu mill-beni mhollija minn zewgt l-esponenti u cjoe, decuis Raymond Mifsud, u l-esponenti informat lilu u lil l-avukati tieghu stess bil-proprjeta mhollija b'successjoni li tinsab fil-Marsa. Sahansitra anka kien offrut jaccedi fil-post msemmi u permezz ta' periti jivvalutha sabiex tkun stabbilita' s-sehem tieghu. Dan anka jekk qatt ma sar test tad-DNA sabiex jikkonferma illi l-attur huwa tabilhaqq iben il-mejjet Raymond Mifsud waqt il-mori tal-kawza deciza mill-Qorti tal-Familja datata 20 ta' Gunju 2012;

8. Illi b'hekk l-esponenti qedha tirribatti ghal l-fatti msemmija l-premessi mressqa fl-att promotur.

Ghaldaqstant, l-esponenti qieghda umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad t-talbiet mressqa fir-rikors guramentat sucitat, bl-ispejjez kontra l-attur li minn issa jibqa ngunt ghas-subizzjoni.'.

Rat l-affidavits, xhieda, certifikat tat-twelid, certifikat tal-mewt, testment, ricerki pubblici, statements tal-bank, dokumenti relatati ma' vetturi, ricerki testamentarji sigrieti u pubblici, kopji ta' ittri ufficjali, sentenza, certifikat li sentenza mhux appellata, estratt mill-Malta Insurance Association – vehicle value guide, dikjarazzjoni *causa mortis*, tag, certifikat tar-registrazzjoni, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-20 ta' Gunju, 2019 il-Qorti fuq talba ta' Dr Louis Bianchi nnominat lil Perit Tekniku Godwin P. Abela sabiex jaghmel stima tal-assi ereditarji ta' Raymond Mifsud fid-data tal-mewt tieghu filwaqt li r-rikorrenti kellu jipprezenta prospett tal-assi fi zmien xahar lil Perit Tekniku;

Rat in-nota pprezentata mir-rikorrent Karsten Mifsud nhar il-31 ta' Ottubru, 2019 fejn permezz taghha gew indikati l-immobbli proprjeta' tad-decujus Raymond Mifsud a fol. 27 tal-process;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Godwin P. Abela pprezentat nhar it-2 ta' Jannar, 2020 u mahluf nhar l-4 ta' Frar, 2020 a fol. 61 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal datat 26 ta' Jannar, 2023 il-kawza giet differita ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Fatti fil-qosor:</u>**

Illi l-fatti fil-qosor huma kif isegwi:

1. Illi r-rikorrenti Karsten Mifsud huwa iben il-mejjet Raymond Mifsud, li gie dikjarat bhala tali wara decizjoni tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tal-20 ta' Gunju, 2012 fl-ismijiet AB -vs- CD (fol. 242). Mill-imsemmija decizjoni jirrizulta li omm ir-rikorrenti certa Rita Spiteri kellha relazzjoni extra-konjugali ghal numru ta' snin ma' l-imsemmi Raymond Mifsud u wara li giet istitwita kawza ghar-rikonoxximent tar-rikorrenti, l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) wara diversi kunsiderazzjonijiet ikkonkludiet illi r-rikorrenti Karsten Mifsud huwa l-wild naturali ta' Raymond

Mifsud u ghaddiet sabiex ordnat li fil-kolonna 'Isem il-Missier' ma tibqax tindika bhala 'missier mhux maghruf' pero' jigi jindika 'Raymond Mifsud'.

Illi Raymond Mifsud gie nieqes fil-mori tal-kawza msemmija precizament fit-2 ta' April, 2010 (fol. 6).

2. Illi permezz tal-kawza odjerna r-rikorrenti Karsten Mifsud qieghed jitlob li jinghata s-sehem riservat spettanti lilu mill-eredita' ta' missieru Raymond Mifsud.

3. Illi mir-ricerki testamentarji pubblici u sigrieti (fol. 235) jirrizulta li Raymond Mifsud irregola l-wirt u successjoni tieghu b'testment wiehed *unica charta* datat 9 ta' April, 2008 fl-atti tan-Nutar Naomi Micallef Mugliette (fol. 7) fejn permezz tieghu nnomina u istitwixxa bhala unika werrieta universali assoluta tieghu lil martu l-intimata Carmen Mifsud.

4. Illi mill-atti jirrizulta li bejn l-intimata Carmen Mifsud u l-mejjet Raymond Mifsud kienet giet itterminata l-komunjoni tal-akkwisti permezz ta' kuntratt tat-12 ta' Frar, 2010 fl-atti tan-Nutar Anthony Abela (fol. 271) u fejn l-assi li kienu gew assenjati lill-mejjet Raymond Mifsud kienu s-segwenti:

'2. **Il-konjugi Mifsud qeghdin ukoll jaqblu u jiftehmu illi permezz ta' dan l-att is-segwenti assi qed jigu trasferiti u assenjati in pjena propjeta lir-Ragel li bl-istess titolu jaccetta:**

(i) Ir-remissa li bin-numru erbgha (4) fi Stables Lane, Marsa, sottoposta ghal beni ta' terzi, libera u franka bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghha.

(ii) Il-fond numru hamsa (5) fi Stables Lane, Marsa, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu inkluz l-arja libera tieghu hielsa minn kwalunque pizijiet u cnus.

(iii) L-oggetti u effetti kollha mobbli li jinsabu fiz-zewg fondi appena fuq imsemmija assenjati lir-Ragel.

(iv) Il-vettura tal-marka Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni ittri 'C' 'B' 'F' tlieta disa sitta (CBF 396) li gja tinsab intestata f'isem ir-Ragel.

(v) Il-vettura tal-marka Mercedes Benz bin-numru ta' registrazzjoni ittri 'T' 'F' 'J' zero wiehed wiehed (TFJ 011) li gja tinsab intestata f'isem ir-Ragel.

(vi) Il-vettura tal-marka BMW bin-numru ta' registrazzjoni ittri 'B' 'B' 'B' seba sitta tnejn (BBB 762) li gja tinsab intestata f;isem ir-Ragel.

(vii) Il-flus sew dawk mizmuma in kontanti mir-Ragel u kif ukoll il-flus li huma depozitati f'depoziti bankarji f'isem ir-Ragel, kif ukoll kwalsiasi nvestimenti jew titoli ta' kreditu jew titoli ghall-portatur u drittijiet u krediti ohra li huma fil-pussess tar-Ragel u/jew li huma gja ntestati f'isimu.'.

5. Illi l-intimata Carmen Mifsud eccepiet illi r-rikorrent mhux konxju tar-ragunijiet vera, jew qed jipprova jqarraq meta u billi jippremetti fatti foloz u inveritieri ghal liema raguni sar il-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni inter vivos, indikat fid-disa' premessa fl-att promotur u cioe' l-kuntratt tat-12 ta' Frar, 2010 fl-atti tan-Nutar Tony Abela. L-intimata Mifsud issostni li hija

kellha kreditu fuq fond gewwa l-Imsida qabel ma nbena l-fond gewwa l-Imtarfa, liema post residenzjali fl-Imsida kien principalment akkreditat lilha esklussivament minn qraba taghha u b'hekk parafernali. Issostni li dan l-kreditu addebitat esklussivament lilha jirrizulta minn kuntratt t'akkwist datat 22 ta' Gunju 1981. Sostniet ulterjorment li ghalhekk il-premessa fejn ir-rikorrenti allega li hija kienet diversi drabi nterpellata sabiex '*tottempera ruha ma dak miktub u mal-obligi legali taghha*' hija totalment fiergha u bla bazi skont il-Ligi. Finalment eccepiet minghajr pregudizzju li r-rikorrenti qatt ma kien innegat lilu s-sehem riservat spettanti lilu mill-beni mhollija minn zewgha u li l-intimata nfurmat lilu u lil avukat tieghu stess bil-proprjeta' mhollija b'successjoni li tinsab fil-Marsa. Tghid illi anki gie offrut jaccedi fil-post msemmi u permezz ta' periti jivvalutaha l-istess sabiex jigi stabbilit is-sehem tieghu.

**<u>Kunsiderazzjonijiet:</u>**

Illi jirrizulta li n-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet fil-kawza odjerna jirrivolvi dwar x'ghandu jigi nkluz fil-massa ereditarja tal-mejjet Raymond Mifsud sabiex finalment jigi kalkolat dak dovut lir-rikorrent. Ir-rikorrenti Karsten Mifsud jinsisti li din ghandha tinkludi l-oggetti kollha li kienu jinsabu fil-komunjoni qabel il-kuntratt tat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akwisti tat-12 ta' Frar, 2010 fl-atti tan-Nutar Anthony Abela (fol. 271). L-intimata Carmen Mifsud tinsisti li l-proprjeta li ghanda tigi mehuda in konsiderazzjoni hija dik li kienet proprjeta' tal-mejjet Raymond Mifsud fid-data tal-mewt tieghu.

Illi s-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 615 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li s-sehem riservat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riservat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min

mill-mara jew ir-ragel jibqa' haj. Illi fid-data tal-mewt ta' Raymond Mifsud jirrizulta bla dubju li l-assi proprjeta' tieghu kienu dawk li gew indikati fil-kuntratt tat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akwisti tat-12 ta' Frar, 2010 fl-atti tan-Nutar Anthony Abela (fol. 271) u xejn aktar. Il-Qorti ma taqbilx mal-argument mressaq mir-rikorrenti li l-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-oggetti mobbli u mmobbli misjuba fil-komunjoni tal-akkwisti qabel ix-xoljiment taghha. La darba r-rikorrenti Karsten Mifsud m'attakkax il-kuntratt tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti tat-12 ta' Frar, 2010 atti Nutar Anthony Abela, il-Qorti hija obbligata li timxi ma dak li tiddisponi l-ligi u cioe' li s-sehem riservat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet. Il-beni tal-mejjet fid-data tal-mewt tieghu tat-2 ta' April, 2010 kienu dawk indikati fil-kuntratt tax-xoljiment, u li jirrizulta li ma gewx b'xi mod iehor trasferiti sal-mewt (ara ricerki pubblici a fol. 29 et seq tal-process).

F'dan l-istadju l-Qorti ser tghaddi ghall-likwidazzjoni tas-sehem riservat mill-assi tal-mejjet Raymond Mifsud.

**<u>Assi ereditarji tal-mejjet Raymond Mifsud:</u>**

Illi mill-provi migbura fl-atti u fid-dawl ta' dak iddikjarat fil-paragrafi precedenti, l-Qorti tqis li l-assi tal-mejjet Raymond Mifsud ai fini ta' komputazzjoni tas-sehem riservat ghandu jigi likwidat kif isegwi:

1. Is-sehem shih bhala valur tar-remissa li ghandha n-numru erbgha (4) fi Stables Lane, Marsa, flimkien mal-fond numru hamsa (5) fi Stables Lane, Marsa, liema fondi gew stmati komplessivament mill-Perit Tekniku Godwin P. Abela fl-ammont ta' mija u tletin elf Ewro (€130,000);

2. Is-sehem ta' 5/112 bhala valur mill-qabar li jinsab fic-cimiterju tal-Addolorata, Paola, numru sbatax sezzjoni ittra YA, kompartiment ittra 'A', divizjoni Lvant liema fond gie stmat mill-Perit Tekniku Godwin P. Abela fis-sehem indikat fl-ammont ta' mitejn u tlieta u ghoxrin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€223.21);

3. Is-sehem shih tal-vettura tal-marka Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni ittri 'C' 'B' 'F' tlieta disa' sitta (CBF 396) li skont il-Malta Insurance Association – Vehicle Value Guide pprezentat mir-rikorrenti a fol. 255 tal-process fid-data ta' Dicembru 2009 kien fl-ammont ta' tlett elef u erbgha mitt Ewro (€3,400);

4. Is-sehem shih tal-vettura tal-marka Mercedes Benz bin-numru ta' registrazzjoni ittri 'T' 'F' 'J' zero wiehed wiehed (TFJ 011) li skont il-Malta Insurance Association – Vehicle Value Guide pprezentat mir-rikorrenti a fol. 253 tal-process fid-data ta' Dicembru 2009 kien fl-ammont ta' dsatax il-elf u sitt mitt Ewro (€19,600);

5. Is-sehem shih tal-vettura tal-marka BMW bin-numru ta' registrazzjoni ittri 'B' 'B' 'B' seba sitta tnejn (BBB 762) li skont il-Malta Insurance Association – Vehicle Value Guide pprezentat mir-rikorrenti a fol. 254 tal-process fid-data ta' Dicembru 2009 kien fl-ammont ta' disa mija u hamsin Ewro (€950);

6. Is-sehem shih tad-dghajsa tat-tip Mariner mahruga minn C.J.F Ltd ta' qies ta' 3 metri bil-magna ta' capacita' ta' 8hp li bhala valur il-Qorti qieghda tiffissa *arbitrio boni viri* bhala dak ta' elf ewro (€1,000). Il-Qorti tirrileva li hija hadet l-ammont shih bhala proprjeta' ta' Raymond Mifsud billi fin-nota tal-intimata a fol. 315 tal-process hija ddikjarat li din id-dghajsa kienet ta' Raymond Mifsud bhala '*…li kellu Raymond Mifsud*';

7. Kont mal-Bank of Valletta plc bin-numru 14900892016 li kien mizmum fuq isem Raymond Mifsud u li qrib id-data tal-mewt tieghu kellu l-ammont ta' €124.92 (ara statement a fol. 88 tal-process);

8. Kont mal-APS Bank plc bin-numru 11935630013 li kien mizmum fuq isem Raymond Mifsud u li qrib id-data tal-mewt tieghu kellu l-ammont ta' €783.76 (ara statement a fol. 105 tal-process);

9. Kont mal-APS Bank plc bin-numru 11935610019 li kien mizmum fuq isem Raymond Mifsud u li qrib id-data tal-mewt tieghu kellu l-ammont ta' €4.88 (ara statement a fol. 136 tal-process);

10. Kont mal-HSBC Bank Malta plc bin-numru 085-113603-050 li kien mizmum fuq isem Raymond Mifsud u li qrib id-data tal-mewt tieghu kellu l-ammont ta' €16,143.40 (ara statement a fol. 146 tal-process).

**Kalkolazzjoni u hlas tal-porzjon riservat:**

| | |
|---|---|
| Immobbli - | €130,223.21 + |
| Vetturi tal-art u bahar - | €24,950 |
| Flus - | €17,056.96 |
| **Total -** | **€172,230.17** |

Mill-atti jirrizulta li r-rikorrent ma kienx l-uniku wild tal-mejjet Raymond Mifsud pero' kellu wild iehor iben l-intimata Carmen Mifsud u ghalhekk ai termini tas-sub-artikolu 3 tal-Artikolu 616 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sehmu bhala porzjoni riservat huwa dak ta' wiehed minn sitta (1/6) (1/3 x 1/2) u cioe'

**tmienja u ghoxrin elf sebgha mija u hames Ewro u tlett centezmi (€28,705.03)**.

**Imghax:**

Illi l-Artikolu 615 sub-artikolu 2 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li jekk l-imghax ma jintalabx fi zmien sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni dan jkun dovut mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju. Hekk jaqra s-sub-artikolu 2:

> '(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:
>
> Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.'.

Illi fil-kaz odjern, stante c-cirkostanzi partikolari fejn ir-rikorrent kien ghadu mhux rikonoxxut bhala l-wild naturali ta' Raymond Mifsud jirrizulta allura li ma setghax jinterpella lill-intimata Carmen Mifsud qabel ma tinghata d-decizjoni u jigi rikonoxxut bhala tali. Mill-atti jirrizulta li Raymond Mifsud gie nieqes fit-2 ta' April, 2010 u d-decizjoni nghatat fl-20 ta' Gunju, 2012 ghalhekk il-Qorti ma tistax tistabbilixxi d-data tal-apertura tas-successjoni bhala d-data li minnha jibda jiddekorri l-imghax. Mill-atti jirrizulta li ir-rikorrenti Karsten Mifsud baghat ittra ufficjali nhar it-23 ta'

Gunju, 2014 notifikata lill-intimata nhar it-30 ta' Gunju, 2014 (fol. 238) u ittra ufficjali ohra datata 24 ta' Settembru, 2018 notifikata lill-intimata nhar l-24 ta' Ottubru, 2018 (fol. 239). Ai termini tal-Artikolu 615 tal-Kodici Civili appena kwotat l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju jekk it-talba ssir wara l-perijodu ta' sentejn. Fil-fehma tal-Qorti wara li tikkunsidra l-fatti partikolari ta' dan il-kaz tqis li r-rikorrenti Karsten Mifsud ghandu jedd ghal imghax mid-data tan-notifika tal-interpellazzjoni ufficjali u cioe' mit-30 ta' Gunju, 2014.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' w'tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimata Carmen Mifsud safejn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tistabilixxi u tillikwida l-assi ereditarji u appartenenti lid-decujus Raymond Mifsud billi jigi ddikjarat li jikkonsisti f'dawk il-beni u sostanzi ndikati fis-sezzjoni: '**<u>Assi ereditarji tal-mejjet Raymond Mifsud:'</u>**;

3. Tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-kreditu spettanti lir-rikorrenti in linea tas-sehem lilu rizervat mill-Ligi, mill-assi ereditarji tad-decujus Raymond Mifsud bhala dak indikat fis-sezzjoni '**<u>Kalkolazzjoni u hlas tal-porzjon riservat:'</u>** fis-somma ta' **tmienja u ghoxrin elf sebgha mija u hames Ewro u tlett centezmi (€28,705.03)**.

4. Tilqa' limitatament it-tielet talba u tikkundanna lill-intimata Carmen Mifsud thallas lir-rikorrenti s-sehem rizervat hekk

likwidat konsegwentement ghall-ewwel talba, u dan fis-somma hekk indikata fis-sezzjoni '**<u>Kalkolazzjoni u hlas tal-porzjon riservat:'</u>** fis-somma ta' **tmienja u ghoxrin elf sebgha mija u hames Ewro u tlett centezmi (€28,705.03)**.

5. Tichad ir-raba' talba billi m'hemmx htiega tan-nomina ta' Nutar Pubbliku u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci sabiex jigi pubblikat att relattiv ghall-hlas tas-sehem riservat.

Bl-ispejjez kif mitluba u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali cioe' mid-data tat-30 ta' Gunju, 2014 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-intimata Carmen Mifsud.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**13 ta' Marzu, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**13 ta' Marzu, 2024**